# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju, 2023**

**Rikors Ġuramentat nru. 244/2020MH**

**Numru: 4**

**Dr. Carlos Bugeja bħala mandatarju ta'**

**Madelena Barbara detentriċi ta' Passaport**

**Awstraljan.**

**Vs**

**Angelo sive Anglu Schembri, Salvatore sive Salvu Schembri**

**u Filippa Schembri u b'digriet tat-2 ta' Frar, 2022 l-atti ġew**

**legittimati f'isem Anglu Schembri bħala kuratur de jure**

**tal-eredita' ta' Salvatore Schembri u b'digriet tat-22 ta'**

**Mejju, ġew maħtura l-Avv. Martin Farrugia u P.L. Gillian Muscat**

**bħala kuraturi deputati għall-interessi ta' Filippa Schembri.**

**Il-Qorti,**

1. **Rat ir-rikors Ġuramentat fejn ġie premess u mitlub is-segwenti:**

*Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma* **ILLI:**

<u>*Dikiarazzjoni tal-Oġġett tal-kawża*</u>

1. *Ir-rikorrenti Madalena Barbara hija oħt l-intimat Angelo Schembri, u bint l-intimati Salvatore u Filippa Schembri.*

2. *Ir-rikorrenti marret tgħix l-Awstralja fis-sena elf disgħa mija, tlieta u disgħin (1993) u għalhekk permezz ta' prokura datata il- ħamsa (5) ta' Awwissu elfejn u dsatax (2019) hija awtorizzat lill-esponenti Avukat Dr. Carlos Bugeja sabiex jirrappreżentaha f'dawn il-proċeduri,* **(Dok A)**

3. *Ir-rikorrenti minn dejjem kellha relazzjoni eċċellenti m'ommha u minkejja li Ilum ma tirrisjedix Malta, hija ta' sikwit iżżur Malta sabiex iżżur lill-ġenituri tagħha.*

4. *Sa mis-sena elfejn u ħdax (2011), ir-rikorrenti bdiet tintebaħ b'ċertu bidliet sinifikanti f'ommha u eventwalment irriżulta illi ommha kienet filfatt sa minn daż- żmien turi sintomi ta' dimentia.*

5. *Waqt żjara partikolari, fl-elfejn u ħmistax, (2015), ir-rikorrenti kienet għamlet appuntament mat-tabib Dr David Cefai, sabiex jeżamina lill-omm ir-rikorrenti, liema eżami sar fid-dar tal-ġenituri tar-rikorrenti fil-presenza tar-rikorrenti, l-intimat ħuha Angelo Schembri u missierha Salvatore Schembri.*

6. *Minn dan l-eżami it-tabib surreferit ikkonkluda illi omm ir-rikorrenti, Filippa Schembri kienet qiegħda tbati mid-dimentia u dan kif jidher miċ-ċertifikat tat-tabib stess* ***datat l-għaxra (10) ta' Lulju elfejn u ħmistax (2015),*** *anness u mmarkat* ***Dok B.***

7. *Fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), l-intimati Salvatore Schembri u Filippa Schembri trasferew, permezz ta' donazzjoni, id-dar tagħhom, bin-numru tmienja u għoxrin (28), 'Salvpin', Triq John Borg, żejtun (li dak iż-żmien kellha il-valur ta' mitejn u disgħa u sebgħin elf u ħames mija u erbgħa u għoxrin euro (€279,524)) lil binhom Angelo sive Anglu Schembri.*

8. *Għalhekk, id-donazzjoni li għamlu l-intimati Salvatore Schembri u Filippa Schembri wara id-dijanjosi ta' Filippa Schembri, u Ċioe' dak* ***tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) (Dok C),*** *sar*

*minn mara li ma kienitx tħaddan il-kapaċitajiet mentali neċessarji biex taljena l-propjetà tagħha u tagħti l-kunsens għat-trasferiment tal-istess.*

9. *L-esponenti hija bint l-istess Filippa Schembri, u werrieta preżunta prospettiva. Hija għandha l-interess illi ommha ma tiġix svestita mill-assi tagħha bi trasferimenti li hija mentalment inkapaċi li tagħmel u għandha*

*b'hekk interess sħiħ timpunja l-att ta' donazzjoni f'dan il-mument meta ommha għadha hajja, mhux biss għal finijiet probatorji, iżda wkoll għall-finijiet ta' kwalunkwe terminu preskrittiv.*

*10. Ir-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti kollha personalment.*

*<u>Raġuni tat-Talba</u>*

1. *Għaldaqstant, kellha ssir din il-kawża.*

*<u>Talbiet</u>:*

*Jgħidu għalhekk l-intimati 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara li d-donazzjoni li għamlu l-intimati Salvatore Schembri u Filippa Schembri u Cioè dak tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), għandha tiġi rexissa, u titqies nulla u mingħajr effett, u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija, partikolarment stante l-fatt li l-istess Filippa Schembri ma kellhiex il-kapaċità mentali li tagħti l-kunsens tagħha fuq l-istess att.*

2. *Taħtar Nutar Pubbliku u tordna li jsir kwalunkwe att neċessarju sabiex tingħata effett ir-reċessjoni mitluba, u tagħti Ġurnata, lok u ħin fejn għandu jiġi ppubblikat dan l-att, u taħtar kuraturi deputati bl-iskop li jidhru flok dawk il-partijiet li jonqsu milli jidhru kif ordnat.*

*B'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti; bl-imgħax legali fejn applikabbli, u bl-ispejjeż kontra l-intimat li jinsab minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

2. **Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenut Angelo sive Anġlu Schembri[1] fejn ġie eċċepit illi:-**

*"Illi preliminarjament, l-attriċi m'għandhiex l-interess ġuridiku sabiex tipproponi l-kawża odjerna.*

1. *Illi bla preġudizzju għall-premess, l-attriċi m'hijiex parti mill-kuntratt impunjat u għalhekk l-azzjoni rexxissorja ma tmissx lilha.*

2. *Illi bla preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma kompletament infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, billi l-kuntratt riċevut min-Nutar Pubbliku Vanessa Pool fl-24 ta' Settembru 2015 huwa validu u skond il-liġi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur nomine, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tiegħu u tal-mandanti tiegħu."*

3. **Rat ukoll ir-risposta tal-Avukat Dr. Martin Farrugia u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat bħala kuraturi deputati ta' Phillipa Schembri[2] fejn ġie eċċepiet illi :-**

*" Illi huma fil-kwalita' tagħhom ta'kuraturi deputati jirrapressentaw lil Phillippa Schembri, m'humiex preżentement edotti mill-fatti li taw lok għal*

[1] Folio 24
[2] Folio 54

*dina l-kawża u għaldaqstant, jirriservaw illi jdaħħlu eċċezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem."*

4. Rat li fis-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2022, ġie deċiż li l-ewwel għandha tiġi determinata l-ewwel eċċezzjoni mressqa u ċioe' in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi 1i li tixpruna u tressaq din il-kawża.

Ikkunsidrat:

5. Illi l-fatti li wasslu l-attriċi tressaq din il-kawża hu l-fatt li ommha (flimkien ma' missierha) nonostante li kienet dikjarata sofferenti minn Alzheimers, u għalhekk dimenti skont ċertifikat esebit bħala Dok B mar-rikors ġuramentat[3] datat 10 ta' Lulju, 2015, u wara li l-istess rikorrenti kienet irranġat hi appuntament mat-tabib psikjatriku, waqt żjara tagħha f'Malta mill-Awstralja fejn tirresjedi, sussegwentement għal dan u nonostante ċioe' l-ġenituri tagħha għaddew biex fl-24 ta' Settembru ta' l-istess sena, trasferew b'donazzjoni lil ħuha l-konvenut, id-dar tagħhom "Salpin" Triq John Borg, Żejtun.

L-attriċi konsegwentement tikkontendi li hi bħala werrieta futura prospettiva se tiġi b'hekk kolpita billi l-ġid ta' ommha ġie b'hekk kompromess meta ommha ma kellhiex il-kapaċita' mentali li tagħmel dan.

[3] Folio 8

6. Bħala provi ġie preżentat l-affidavit (redatt bl-ingliż) ta' l-attriċi Madalena Barbara.[4]

Fl-istess affidavit l-attriċi tgħid li hi saret taf li ommha u missierha kienu taw b'donazzjoni id-dar residenzjali tagħhom lil ħuha Angelo li kien igħix ġewwa Malta. Tgħid li ommha kienet ilha ssofri minn dementia mis-sena 2011 u ġiet uffiċjalment djanjostikata fis-sena 2015.

Issostni li matul ħajjitha kollha u anke meta emigrat lejn l-Awstralja, dejjem kellha relazzjoni tajba ħafna ma' ommha u kienet iżżur lill-ġenituri tagħha kull sentejn jew tlett snin.

Tkompli li fiż-żjara tagħha ma' familtha ġo Malta fis-sena 2013 indunat li ommha kienet qed taġixxi b'mod stramb, ssofri minn uġigħ ta' ras u għonqha.

Komplit tagħti eżempji ta' kif ommha nbidlet anke fit-tisjir ukoll fiż-żamma tad-dar.

Iżid ukoll illi t-tabib tal-familja tagħhom, Dr. Cefai, kien eżamina lill-ommha, dejjem fis-sena 2015, u għamel id-djanjonsi ta' Alzheimers. Irriferiha l-isptar.

Żiedet li fis-sena 2018 reġgħet ġiet Malta u ndunat li ommha kienet tilbes l-istess ħwejjeġ, kienet konfuża u mitlufa. Anke li kienet tinħasel biex tmur iżżur lil missierha li però kien ilu mejjet. Ma kienetx baqgħet issajjar u tnaddaf. Xehdet illi ftit qabel ma reġgħet rritornat lejn l-Awstralja, ħuha, il-konvenut, kien qalilha li d-dar residenzjali tal-ġenituri kienet ġiet donata lilu. Qallha wkoll li kellha tmur il-bank miegħu biex tieħu l-flus tal-kont tal-ġenituri għax kienu se jagħtuha dawn.

[4] Folio 57-58

Tgħid li l-kuntratt ta' donazzjoni ġie iffirmat meta ommha kien ġia sofferenti minn dimenzja.

Hi tgħid li l-interess tagħha hu ankrat mill-fatt li hi bint Filippa għalhekk hi l-eredi presunta ta' ommha. Tispjega l-interess tagħha bħala wieħed tanġibbli. Tgħid li ma setgħetx tistenna biex tieħu din l-azzjoni minħabba l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat li kull parti ppreżentat nota ta' sottomissjonijiet fir-rigward u li l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni preliminari.

Ikkunsidrat.

7. Illi l-ewwel eċċezzjoni mressqa biex tilqa' għax-xilja hija preliminarjament li l-attriċi għax nieqsa mill-interess ġuridiku meħtieg ma tistax tressaq din il-kawża.

In tema legali l-elementi tal-eċċezzjoni tal-interess ġuridiku jinsabu elenkati fil-kawża **Agatha Formosa Gauci u Avukat Dr Francis Lanfranco et** (App 28/11/2003):

*"l-interess (ġuridiku) meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali.*

(i) *l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun mistħoqq;*

(ii) *l-interess ġuridiku fl-attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna għandha d-dritt*

*titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew tiġi msewwija inġustizzja li tkun ġiet magħmulha kontriha.*

(iii) *l-interess ġuridiku irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilità` u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal għal tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi.*

(iv) *l-interess ġuridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża;*

(v) *l-interess ta' l-attur għandu jkun jidher mill-att taċ-ċitazzjoni nnifisha. Għalkemm il-motiv ta' l-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fiċ-ċitazzjoni, dan għandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kkuntrastat;*

(vi) *fil-prattika ġudizzjarja, wieħed jista' jippromuovi kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definittiva u* ahharija, *minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir aktar 'l quddiem;*

(vii) *l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, imma jista' jkun imsejjes biex iħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew oġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku.*

(viii) *jekk azzjoni, għalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun maħsuba biss biex tirreka ħsara lill-imħarek bla ebda vantaġġ utli lill-attur tali azzjoni titqies btala waħda illegali - azzjoni magħrufa fid-*

*duttrina bħala waħda acta ad aemulationem - u titqies li fiha jkun jonqos l-interess ġuridiku meħtieġ."*[5]

Ukoll li il-Qorti tqis *"..li din hija kwistjoni ta' ordini pubbliku li tista' titqajjem u tiġi indirizzat mill-Qorti ex officio. Dan il-punt ġie elaborat mill-Qrati tagħna f'diversi sentenzi, fosthom f'deċiżjoni fl-ismijiet* **Kevin Chircop vs Joseph Chircop**[6]*, fejn il-Qorti qalet:*

*"Il-karenza tal-interess fl-attur ġie sollevat mill-Qorti marte proprio billi ħasset li din kienet kwistjoni ta' ordni pubbliku li l-ġudikant hu obbligat li jirrilevaha ex officio. Dan in omaġġ għall-prinċipju superjuri anke għall-interess tal-partijiet, illi l-ġustizzja mhux sempliċiment tiġi amministrata, iżda anke li din tkun qed tiġi amministrata sew u skont il-liġi. Il-prinċipju tal-interess ġuridiku, dirett, leġittimu u attwali f'kull min jipproponi azzjoni, irid jiġi allura skrupolożament imħares bis-solennità proċedurali kollha, anke jekk mhux sollevat mill-parti kuntrarja fil-ġudizzju."*

*F'sentenza fl-ismijiet* **Pietro Paolo Borg vs. Giuseppe Caruana**[7]*, il-Qorti għamlet riferiment għal diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna tul is-snin, u ssintetizzathom b'dan il-mod:*

*"In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili li l-interess hu l-miżura tal-azzjoni (Vol. XXXVII. II. 608), u r-rekwiżit tal-interess hu indispensabbli għall-proponibilità ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża (Vol. XXVII.I. 507). L-interess hu l-bażi tal-*

[5] Bernardette Licari vs Carmel sive Charles Attard et. deċiża 21.11.2010 rikors Ġuramentat 1327/2010
[6] P.A., 28.01.2004.
[7] Appell, 03.12.1984, Vol. LXVIII. II. 233.

*azzjoni (Vol. XXIX. I. 891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (Vol. XXX. I. 317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu interess jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġia twieled u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (Vol. XXXIII. I. 108; Vol. XXXVII. I. 57; XXXVII. II.608). Biex wieħed jipproponi domanda f'ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn li jkollu interess fiha, jiġifieri hemm bżonn li d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema interess irid ikun leġittimu u konkret (Vol. XXXVIII. II. 317)."*

Il-bażi ta' l-azzjoni attriċi għalhekk mhux sempliċiment ankrata b'dak li tgħid hi fl-affidavit, li hi qua werrieta prospettiva għandha trid tattakka d-donazzjoni magħmula mill-ġenituri tagħha, **imma tista' tkun biss waħda li hi naxxenti minn dritt li hu l-bażi ta' l-azzjoni proposta.**

8. Stabbilit li l-azzjoni attriċi hija ta' rexxissjoni ta' kuntratt ta' donazzjoni jkun opportun li ssir ħarsa lejn il-ġurisprudenza kostanti fir-rigward. Għalhekk insibu li:-

- fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Debrincat u George Grech noe vs Angelo Ċefai et. noe**[8]. ingħad li:-

*"..... jkun opportun illi qabel ma' jiġi nvestigat il-mertu, tiġi ttrattata l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti Cefai u Attard nomine dwar kemm setgħu l-atturi nomine legalment jattakaw kuntratt li fih huma ma kienux ħadu parti u jitolbu r-rexxissjoni tiegħu.*

[8] Ċitaż. Nru. 49/1999/1 deċiża 12 ta' Jannar, 2010: Qorti Magistrati Għawdex (Ġurisdizzjoni Superjuri)

*Fil-liġi tagħna, l-istitut tar-rexxissjoni huwa regolat bl-artikoli 1209 sa' l-artikolu 1231 tal-Kap. 16. Dwar l-azzjoni ta' rexissjoni, insibu illi: "**Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa', jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni.**"* [9]

*Fid-dottrina legali din l-azzjoni ġiet imfissra bil-mod segwenti: " L'azione di nullita' o rescessione e' il mezzo giuridico concesso al contraente,di liberarsi dagli effetti pregiudicevoli dell'assunta obbligazione ottenendo l'annullamento,o rescissione che dir si voglia. E' un rimedio,che ha per necessario presupposti uno stato giuridico, ovvero una obbligazione riconosciuta dal diritto civile, sebbene imperfetta. E differisce da ogni altro mezzo, con cui s'impugna un mero stato di fatto derivante da un titolo, che non ha partorito veruna obbligazione riconosciuta civilmente, quantunque abbia dato causa agli effetti con-naturali della obbligazione inutilmente presupposta dal titolo nullo."* [10]

*Sabiex tirnexxi kawża bħal din iridu jikkonkorru tliet kundizzjonijiet: "Affinche l'azione rescissoria possa dirsi esercitata utilmente, si richiede il concorso cumulativo di tre condizioni: (a) che l'obbligazione sia invalida; (b) **che la rescissione venga domandata da quel contraente, che ha il diritto di prevalersene**; (c) che non sia scorso il tempo assegnato dalla legge, o non sia intervenuta la rinuncia preventiva."* [8]

***Huwa mal-ewwel evidenti għalhekk mit-tieni kundizzjoni meħtieġa f'kawża ta' nullita', illi din tista' tiġi perċepita biss minn xi ħadd mill-***

---

[9] art. 1212 kap.16 .
[10] Giorgio Giorgi : Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno It7ma. ed. vol. VIII para. 146 pag. 246 .
[8] ibid. .para. 149 pag. 251 .

***partijiet kontraenti u mhux ukoll minn terzi.*** *"L'azione di nullita' o rescissione e' il mezzo giuridico concesso al **contraente**, che si obbligo' invalidamente o fu leso dal contratto, di liberarsi dagli effetti pregudicevoli dell'assunta obbligazione ottenendone l'annulamneto, o rescissione che dir si voglia.*[11] *...Quel **solo contraente** che stipulo' senza capacita' sufficente, o il consenso del quale fu viziato da errore, o violenza,o dolo, puo' fare pronunciare la nullita'."* [12] *Imma fil-każ tagħna l-atturi nomine bl-ebda mod ma jista' jingħad illi kienu parteċipi filkuntratt in kwistjoni, għax fil-kuntratt in kontestazzjoni dehru biss is-soċjeta' Ta' Frenc Real Estate Limited, kif rappreżentata mill-konvenuti nomine, bħala vendituri u lkonvenut Spiteri bħala kumpratur, u għalhekk skond dan it-tagħlim, mhux mogħti lilhom il-jedd illi jitolbu n-nullita' tiegħu.*

*Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom l-atturi nomine jikkontendu, b'referenza għal din l-eċċezzjoni, illi d-dottrina hawn fuq ċitata tapplika għal kawżi ta' nullita' imma mhux ukoll għal dawk ta' rexxissjoni, bħal ma għandna fil-każ in eżami. Jgħidu għalhekk illi teżisti distinzjoni bejn iż-żewġ azzjonijiet u jsostnu illi "filwaqt li per eżempju l-azzjoni għad-dikjarazzjoni tan-nullita' jew tal-annullament għandha bħala fondament in-nuqqas ta' xi kundizzjoni rikjesti tassativament mil-Liġi għal validita' tal-att, u għalhekk bl-azzjoni ta' nullita' dak li jkun ikun qed jimpunja l-att minħabba nuqqas ta' kapaċita' ta' xi ħadd mill-kontraenti, jew minħabba xi vizzju fil-kunsens, l-azzjoni għar-rexxissjoni għandha bħala fondament il-lezjoni, il-preġudizzju li joħroġ minn dak l-att u l-infrazzjoni li tkun qed issir għal min jipproponi l-azzjoni, minkejja li l-att li tiegħu qegħdha tintalab ir-rexxissjoni għandu r-rekwiżiti kollha meħtieġa għal validita' tiegħu mil-liġi u mid-Dritt*

[11] ibid. para 146 pag. 246 .
[12] ibid. para. 156 .

*Pożittiv." Infatti jiċċitaw* bran mil-Laurant fejn *isemmi li fid-dritt l-antik ta' qabel il-Code Napoleon kienu jeżistu dawn iż-żewġ azzjonijiet. Ma jgħidux pero' illi l istess awtur jgħid illi dawn l-azzjonijiet kienu waħda għan-*nullita' *tal-kuntratti minħabba xi nuqqas ta' kondizzjoni meħtieġa għall-*validita' *u l-oħra għar-rexxissjoni minħabba lezjoni, u li llum din id-*distinzjoni *ma baqgħetx teżisti. Fi kliem il-***Laurant***: " Il codice annovera fra le causeestinguono le obbligazioni l'azione di nullita' o di rescissione. Cio' suppone che si tratti di una obbligazione annulabile o rescindibile. Vi e' differenza fra questa e quella? Nell'antico diritto ve ne erano di assai rilevanti. Le esporremo brevemente, perche' questa materia non presenta ormai piu' che un interesse storico.*

*Si faceva luogo all'azione di nullita' allorche' la nullita' era pronunciata dalle ordinanze o dalle consuetudini; mentre la rescissione era accordata nei casi in cui nessuna legge positiva dichiarava nulla la convenzione. Valida giusta il rigore del diritto, la obbligazione nondimeno era rescindibile, perche' feriva l'equita': tali erano le convenzioni viziate dall'errore, dalla violenza, dal dolo, dalla lesione. Ecco l'interesse pratico di questa distinzione. Le azioni di nullita' erano portate immediatamente innanzi ai tribunali competenti, mentre l'attore in rescissione doveva, prima di adire l'autorita' giudiziaria, provvedersi di lettere di rescissione, le quali si rilasciavano, in nome del Re, dai cancellieri addetti ai parlamenti."* [13]

*Imma, kif ġia ngħad, illum din id-distinzjoni bejn iż-żewġ azzjonijiet ma baqgħetx teżisti. "Il codice civile equipara l'azione di nullita' a quella di rescissione, per meglio dire, non vi sono piu' due azioni, ma soltanto una, che la legge qualifica indifferentemente azione di nullita', o azione di*

[13] F. Laurant : Principii di Diritto Civil vol. XVIII (2da edizione italiana) para. 526 .

*rescissione. Gli e' in forza di cio' che la nostra sezione ha per titolo:* ***Dell'azione di nullita', o azione di rescissione****. La legge non dice* ***delle azioni****: ve n'e' dunque soltanto una… Non vi e' del resto nei nostri codici alcuna traccia di una differenza fra le due azioni."* [14]

*Ikompli jispjega l-istess awtur illi: "La frase azione di rescissione ha dunque due significati nel codice: essa e', in generale, sinonima di quella di nullita' quando si tratti di domandare l'annullamento di un atto per una causa qualunque, eccetuata la lesione; e si adopera altresi in un senso piu' ristretto, per designare esclusivamente l'azione fondata sulla lesione. Presa in quest'ultimo senso, essa differisce da quella di nullita' sotto due rapporti: in quanto concerne la prova da fornirsi dall'attore ed in quanto riguardi i diritti del convenuto."* [15]

***Dwar il-kondizzjoni li din l-azzjoni tista' ssir biss minn min kien parti għall-kuntratt kontestat jiġi mgħallem fid-Digesto Italiano*** *illi:*

*"Un'altra condizione, perche' sia utilmente esperibile l'azione da noi studiata, e' che dessa sia promossa dall'una delle parti contro l'altra. Questa condizione e' intimamente legata a quella gia enunciata, che si tratti di un'obbligazione contrattuale, tanto che puo' affermarsi che desse formino una sola condizione. Infatti, se l'articolo 1300 (l'azzjoni rexxissoria) non e' applicabile, come abbiamo dimostrato, che ai casi in cui l'annulamento e' proposto contro un contratto, ne deriva che l'articolo stesso non trova applicazione se non quando una parte agisca contro l'altra.* ***Difatti un atto giuridico non puo' avere carattere di contratto se non per coloro che vi***

[14] ibid. para. 527 .
[15] ibid. para. 528 .

***figurano come parti, per i terzi costituisce una res inter alios acta**. Lo dice l'articolo 1130(10) del nostro codice, (identiku għall-artikolu 1001 tal-Kodiċi tagħna): 'I contratti non hanno effetto che fra le parti contraenti; essi non pregudicano, ne' giovano ai terzi fuorche' nei casi stabiliti dalla legge.' Essi, quindi, in rapporto ai terzi non sono che semplici fatti, contro i quali, ove lo riescano pregudizievoli, possono esercitare un'azione derivante dalle disposizioni generali di diritto contenute negli art. 1152 e 1153 del codice (u ċioe' għad-danni)....*

*E' questo un principio incontestabile, che bisogna tener presente nella risoluzione dei casi in cui possa dubitarsi se ricorra o non l'applicazione dell'azione rescissoria. Cosi' non potra' valersi di tale azione chi non e' parte in un contratto ed intende far annulare questo per simulazione o dolo; a lui sara' concesso un'azione di annulamento, ma questa non sara rescissoria, (l'azzjoni pawljana)...".* [16]

*L-istess, il-liġi tagħna ma jidhirx li tagħmel ebda distinzjoni bejn l-azzjoni rexxissoria u dik għan-nullita'. Infatti tittrattahom ukoll bħala azzjoni waħda fl-artikoli 1209 - 1231 tal-Kap. 16. Sinjifikanti ħafna illi fl-artikolu 1209(1) tirreferi għall-effett li tali rexxissjoni jkollha fuq **il-partijiet**. Hekk ukoll fis-subinċiż (2) u (4) ta' l-istess artikolu terġa' ssemmi **l-parti**. Imkien ma hemm ebda indikazzjoni li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata minn terzi estranei għall-kuntratt. Imbagħad ir-raġunijiet li għalihom tista' tintalab tali rexxissjoni skond din it-taqsima tal-Kodiċi Ċivili huma biss (a) **in-nullita'** minħabba n-nuqqas ta' xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali*

[16] Digesto Italiano vol. XVI, voce "Nullita' o Rescissione (azione di)" para 38 pag. 545 .

*sabiex kuntratt ikun jiswa' jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null,[17] inkella (b)* ***illezjoni*** *f'każ ta' minuri.[17]*

*Minn dan kollu huwa evidenti għalhekk illi ġia ladarba llum d-distinzjoni bejn l-azzjoni rexxissorja u dik ta' nullita' li ttentaw jipproponu l-atturi nomine in ġustifikazzjoni tal-kawża preżenti tagħhom, ma fadlilha ebda sinjifikat fid-dritt pożittiv kontemporanju, la f'dak kontinentali u wisq inqas f'dak tagħna, jiġi li l-konvenuti Cefai u Attard nomine kellhom raġun iqajjmu din l-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom li għandha għalhekk tiġi milqugħa.*

*Għal dawn il-motivi u peress illi ġie deċiż illi l-azzjoni kif proposta mill-atturi nomine mhix legalment konċepibbli, tiddeċidi l-kawża billi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti Cefai u Attard nomine dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' l-atturi nomine, peress li kawża ta' nullita' jew rexxissjoni ta' kuntratt tista' tiġi perċepita biss minn xi ħadd mill-partijiet kontraenti u mhux ukoll minn terzi, u għalhekk bħala tali l-azzjoni proposta mill-atturi nomine mhijiex legalment konċepibbli, tiċħad it-talbiet attriċi, salv u mpreġudikata pero' kwalunkwe azzjoni għaddanni jew mod ieħor lilhom spettanti.*

*L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-atturi nominee".*

- Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Angelo Bajada vs Margherita Farrugia et.** [18] intqal *inter alia* in tematika li:-

[17] art. 1212 kap. 16 . [17] art. 1213 ibid. .

[18] Deċiża 13 ta' Mejju, 1958

*"**Illi, meta obligazzjoni tkun sempliċment invalida, tista' tintalab ir-rexissjoni taghha mill-persuna kontraenti li tkun stipulatha bla kapaċita' legali, jew li I-kunsens tagħha jkun vizzjat, jew li tkun danneggjata minnha**. Huwa għalhekk li jekk l-awtorizzazzjoni ottenuta minn Margherita Farrugia kienet (jinghad għall-grazzja tal-argument) imtebba bi frodi orrettizja, u kwindi nulla u qiesha ma teiistix fil-konfronti tagħha, l-istess Farrugia biss, li għadha hajja, setgħet se ma tintakka I-validità tagħha; dan -għaliex lilha kienet tikkonċerna, peress li dik l-awtorizzazzjoni tutelari kienet u hija kreata mill-leġislatur favur tagħha. Infatti, Margherita Farrugia, li otteniet dik I-awtorizzazzjoni biex tagħmel donazzjoni rimuneratorja bla ma semmiet u, Oltre uliedha l-attriċi, kien hemm tifel iehor tagħha. Ġusta', jekk qatt kienet invalida, tottieni I-konferma tagħha; "multo magis' ^t^ meta jiġi kunsidrat li n-natura tal-att li għandu jiġi awtorizzat hija dik ta' rimunerazzjoni għas-serviżżi personali, u, dipendentement minn-numru tat-tfal li kellha meta għamlitu, kien jikkostitwixxi debitu u dazzjoni "in solutum" ;*

***Illi kwindi, "rebus sic stantibus", kienet biss Margherita Farrugia ntitolata titlob ir-rexissjoni tal-att "de quo agitur", u mhux uliedha l-attriċi; (enfasi ta'din il-Qorti).***

*Ikkunsidrat;*

***Illi dwar il-kwistjoni tat-talba magħmula miż-żewg attriċi fil-konfront tal-ereditä gjaċenti ta' Rocco Farrugia, huwa tajjeb jingħad li l-azzjoni tar-rexissjoni, meta ma tiġix promossa mid-decuius fil-ħajja tiegħu, tittrasmetti ruħha lill eredi tiegħu, jekk ma jkunx għadda t-terminu tal-preskrizzioni, u salv li l-istess preskrizzioni ma tkumx ġiet jew interrotta***

*{art. 1269 Rap. 23).* ***Eredi huwa dak ii b'liġi' jew b'testment jissuċċedi fid-drittijiet kollha, attivi u passivi. tad-decujus. L-eredi huwa aventi kawza a titolu universali. il-ghaliex jieħu il-post stess tal-persuna li huwa ikun eredita, mentri akkwirent, donatarju, legatariu, eċċ., huwa aventi kawza b'titolu singulari; il-ghaliex jirrappreienta I-awtur tieghu f'parti biss;"*** *( tipa grassa enfasi ta' din il-Qorti)*

- Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Mario Bugeja vs Bernardette Bugeja** deċiża 5 ta' Ġunju, 2019 rikors 301/2012AF, li għandha fatti simili għal każ in eżami ingħad li:-

*"Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob illi l-kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Philip Said datat 29 ta" Mejju 2009 jitħassar limitatament sa fejn il-konvenuta ommu Nazzarena Bugeja iddisponiet mis-sehem tagħha tal-proprjetà "Mediterranea", Triq iż-Żabbarija, Siggiewi. Dan peress illi l-attur jgħid illi l-konvenuta ma kienitx fil-piena poteri mentali sabiex tiddisponi minn ħwejjiġha.*

*Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur u l-konvenuta Bernardette Brincat huma ulied il-konvenuta l-oħra Nazzarena Bugeja u żewġha Carmelo Bugeja. Permezz ta" kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Philip Said tad-29 ta" Mejju 2009, Carmelo u Nazzarena Bugeja assenjaw u ttrasferew lill-konvenuta Bernardette Brincat b"titolu ta" donazzzjoni id-dar bl-isem "Mediterranea", Triq iż-Żabbarija, Siġġiewi.*

*Nazzarena Bugeja kienet tbati bid-dementia. Fi Frar tal-2009 hija ġiet rikoverata fid-residenza għal-anzjani Saint Vincent de Paule fejn baqgħet*

*tgħix sakemm mietet fil-mori tal-kawża. Jirriżulta li waqt il-kuntratt Nazzarena Bugeja ma kienet tkellmet xejn għaliex kien ħa ħsieb kollox żewġha. In-Nutar Philip Said spjega li Carmelo Bugeja kien qallu li ried li permezz tal-kuntratt jekwipara liż-żewġ uliedu peress illi lil ibnu l-attur kien diġà tah biċċa art.*

*Nazzarena Bugeja kienet ilha tbati bid-dementia snin qabel ma sar il-kuntratt impunjat. L-attur jinsisti li meta sar il-kuntratt in kwistjoni, ommu l-konvenuta ma kellhiex il-kapaċitajiet mentali meħtieġa sabiex tikkuntratta għaliex kienet totalment mitlufa mir-realtà ta" madwarha. Nazzarena Bugeja kienet taħt il-kura tal-konsulent psikjatra Dr. Joseph Spiteri li spjega li x"aktarx id-dementia bdiet madwar sentejn qabel raha għall-ewwel darba fl-2007. Spjega li min-notamenti tiegħu seta" jikkonkludi li l-abilità ta" Nazzarena Bugeja li tieħu deċiżjonijiet kienet affettwata b"mod sinifikanti fis-sens illi jekk ma jissuġġerilhiex xi ħaġa xi ħadd, ma kienitx tista" tgħidha minn jeddha. L-istess seta" jingħad dwar ir-rieda tagħha. Minn Frar sa Settembru tal-2009 Nazzarena Bugeja kienet taħt il-kura tat-tabib Dr. Mark Vassallo, konsulent fil-ġerjatrija, li xehed illi fid-drabi li kellu kuntatt magħha f"dawk ix-xhur, hija qatt ma kienet f"posizzjoni li tieħu ċertu deċiżjonjiet.*

*Il-konvenuta Bernardette Brincat tgħid illi ommha kienet bdiet tinsa ċertu affarijiet u li l-kundizzjoni bdiet fis-sena 2005 u maż-żmien kompliet sejra lura. Il-konvenuta tammetti li meta ommha daħlet San Vinċenz kien hemm mumenti fejn kienet tifhem x"qiegħed jiġri madwarha u mumenti fejn ma kienitx. Tispjega li kien missierha li xtaq li jsir il-kuntratt ta" donazzjoni sabiex ma ssirx inġustizzja magħha peress illi lill-attur kienu diġà tawh*

*biċċa art li fuqha bena r-residenza tiegħu. L-attur jiċħad illi għal din l-art huwa ma kienx ħallas. Il-konvenuta Bernardette Brincat tkompli billi tgħid li kien missierha li spjega lill-ommha x"kien se jsir u li dakinhar tal-kuntratt, ommha kienet qiegħda tifhem x"qiegħed jiġri.*

*Permezz ta" digriet datat 22 ta" Marzu 2012, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) ordnat l-interdizzjoni ta" Nazzarena Bugeja. Minħabba d-dizgwid bejn l-aħwa l-partijiet l-oħra f"din il-kawża, il-Qorti sabet li ma kienx fl-interess ta" Nazzarena Bugeja li jiġu nominati wliedha bħala kuraturi tagħha u għalhekk ġiet nominata l-Avukat Dottor (illum Maġistrat) Charmaine Galea bħala kuratriċi. Jirriżulta għalhekk li l-interdizzjoni seħħet proprju dakinhar li ġie preżentat ir-rikors ġuramentat tal-attur.*

*Nazzarena Bugeja ġiet nieqsa fis-16 ta" Ġunju 2013. Fl-udjenza tal-31 ta" Mejju 2016 il-partijiet qablu li l-eredi tagħha huma l-attur u l-konvenuta Bernardette Brincat. Fuq talba tal-attur mhux opposta, il-Qorti nnominat kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredità ta" Nazzarena Bugeja f"dawn il-proċeduri.*

*L-Artikolu 968 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta" Malta jiddisponi hekk:*

*"Kull kuntratt magħmul minn persuna li m"għandhiex l-użu tar-raġuni, jew li tkun għad ma għalqitx seba" snin, huwa null."*

*A tenur tal-Artikolu 1212:*

*"Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni."*

*Skont l-Artikolu 1744:*

*"Huma inkapaċi li jagħmlu donazzjoni:*

*(a) dawk li, skont l-artikolu 597(a), (b), (ċ) u (d), huma inkapaċi li jagħmlu testmenti."*

*Skont l-Artikolu 597(b) dawn jinkludi:*

*"dawk li, għalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaċi li jifhmu jew li jkollhom volontà, jew li, minħabba xi difett jew ħsara, ma jkunux kapaċi, ukoll permezz ta" interpreti, li jesprimu r-rieda tagħhom."*

*Il-konvenuti ressqu numru ta" eċċezzjonijiet preliminari. Il-kontenuta Bernardette Brincat teċċepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16. Dan l-artikolu jaqra hekk:*

*"Meta l-liġi f"xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, egħmil doluż, stat ta" interdizzjoni, jew nuqqas ta" età, taqa" bil-Preskrizzjoni egħluq sentejn."*

*Il-preskrizzjoni eċċepita mhijiex applikabbli għall-każ. Dan għaliex l-attur mhuwiex jitlob rexxissjoni tal-kuntratt minħabba vjolenza, żball, egħmil doluż, stat ta" interdizzjoni jew nuqqas ta" età imma għaliex jgħid illi l-konvenuta Nazzarena Bugeja ma kellhiex użu tar-raġuni a tenur tal-Artikolu 968 tal-Kap. 16.*

*L-istess konvenuta imbagħad teċċepixxi li l-azzjoni hija monka u irritwali stante li l-attur ma talabx dikjarazzjoni tal-Qorti li (i) l-konvenuta Nazzarena Bugeja kienet priva mill-fakultajiet mentali biex tikkuntratta u (ii) li l-kuntratt ta" donazzjoni in kwistjoni huwa null minħabba nuqqas ta" kapaċità ta" waħda mill-partijiet. Il-Qorti tqis illi l-konvenuta m"għandhiex raġun f"din l-eċċezzjoni. Huwa biżżejjed illi fl-ewwel talba tiegħu lattur fisser ċar u tond illi r-raġuni tat-talba hija li Nazzarena Bugeja ma kellhiex il-kapaċitajiet mentali sabiex tikkuntratta.*

*Il-konvenuta teċċepixxi wkoll in-nullità tal-azzjoni minħabba li ġiet intavolata kontra Nazzarena Bugeja li skont l-attur stess hija persuna nieqsa mill-kapaċitajiet mentali sabiex tikuntratta u allura l-istess attur qiegħed jippreżumi li l-konvenuta għandha l-kapaċità li toqgħod f"ġudizzju. Din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata in kwantu li dakinhar stess li ġiet intavolata l-kawża ingħata digriet li permezz tiegħu Nazzarena Bugeja ġiet interdetta u nominata kuratriċi sabiex tidher għall-interessi tagħha.*

*Il-kuratriċi tal-konvenuta interdetta Nazzarena Bugeja wkoll tressaq numru ta" eċċezzjonijiet ta" natura preliminari. Fl-ewwel lok teċċepixxi illi l-*

*azzjoni kif diretta kontra Nazzarena Bugeja f'isimha personali hija nulla u mingħajr effett stante li saret kontra persuna interdetta.*

*Jirriżulta mill-atti li Nazzarena Bugeja ġiet interdetta permezz ta' digriet tal-Qorti proprju dakinhar li ġie preżentat ir-rikors ġuramentat u allura ma jistax jingħad li l-azzjoni saret kontra persuna interdetta. Permezz tad-digriet tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja tat-22 ta' Marzu 2012, l-atti tal-kawża għaddew fil-persuna tal-kuratur maħtur għaliha minn dik il-Qorti. Wara l-mewt ta' Nazzarena Bugeja, ġew nominati kuraturi deputati minn din il-Qorti sabiex jirrappreżentaw l-eredità tagħha. Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk tiġi miċħuda.*

***Il-kuratriċi nomine imbagħad teċċepixxi li l-attur m'għandux locus standi jimpunja l-kuntratt de quo li huwa res inter alios acta għalih. F'din l-eċċezzjoni l-kuratriċi kien ikollha raġun li kieku fil-mori tal-kawża ma mietitx il-konvenuta Nazzarena Bugeja u l-attur ma kienx wieħed mill-eredi tagħha. Kif proprju qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Lawrence Attard vs George Attard tat-30 ta' Ġunju 2011:***

***"Però bil-mewt ta' George Attard, l-attur sar wieħed mill-eredi bid-dritt li jaġixxi fl-interess tiegħu proprio qua coproprjetarju tal-fond li nbiegh. Fil-fatt hekk jipprovdi espressament l-artikolu 428 tal-Kodici Civili Taljan. Dan id-dritt ma kienx applikabbli fi zmien li giet istitwita l-kawza pero bil-principju tal-ius superveniens, applikabbli f'dan il- kaz, l-azzjoni attrici hi salvabbli."***

***Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk ukoll tiġi miċħuda*.” (enfasi ta' din il-Qorti).**

9 Illi minn dan it-tgħalim ġurisprudenzjali huwa ċar li l-attriċi ma sssibx il-konfort ta' bażi legali biex tressaq il-kawża minnha esperita. Il-liġi hu l-ġurisprudenza huma ċari li huma biss il-kontraenti ta' obbligazzjoni kontrattwali li jistgħu jattakaw l-istess konvenzjoni. Għalhekk nonostante li l-attriċi tippretendi li hi bħala werrieta prospettiva tal-ġenituri tagħha tista' tavvanza din l-azzjoni, hija tinsab żbaljata fir-rigward. Oltre għal fatt li qatt ma tista' jkollha ċ-ċertezza, kif fil-fatt irriżulta wara l-mewt ta' missier il-partijiet, li hi se tkun verament werrieta tal-ġenituri tagħha. Din il-pretensjoni ma tirradikax dak l-interess legittimu, attwali u dirett li hu meħtieg biex hi tkun tista' tavvanza din il-kawża.

10 Però l-Qorti ma tieqafx hawn. Kif sew issottometta l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijet tiegħu, hu wkoll rilevanti dak li okkorra fil-mori ta' dawn il-proċeduri bil-mewt ta' missier il-partijiet. Insibu li fil-mori miet missier il-partijiet Salvatore Schembri. Dan irrriżulta ben sew mir-rikors ta' l-istess attriċi noe *biex tidher fl-interessi ta' dik il-parti mill-wirt ta' Salvatore Schembri li misset lill-attriċi.*[19] Mit-testment esebit ma' l-istess rikors[20] jirriżulta illi:

*" it-Tieni Artikolu*

*It-testatur jinnomina lil martu Filippa bħala eredi universali tiegħu u padruna assoluta tal-gid tiegħu kollu wara mewtu*

[19] Folio 30
[20] Folio 35

*It-tielet Artikolu*

*It-testaur stante illi taha ċertu donazzjoni lil ibnu qabel illum qed iħalli b'legat favur bintu Madeleine Barbara is-sehem tiegħu mill-għalqa ġewwa Longobardi Zejtun u wkoll is-somma ta' tlettin elf ewro (€30, 000),* ***legati***[21] ***konsegwibbli in pjena propjeta' wara l-mewt tiegħu u ta' martu.***

*Ir-raba' Artikolu*

*Mill-bqija iħalli* ***'eredi de residwo'***[22] *u ċioe' għal wara mewt taż-żewġ testaturi liż-żewġ uliedu indaqs bejniethom u ċioe' Madeleine u Angelo, bs-sostituzzjoni favur uliedhom"*

11 Inoltre l-artikolu 1225 tal-Kap 12 jaqra li:-

*" Il-jedd tal-azzjoni għar-rexxissjoni jgħaddi fil-***werrieta*** Iżda dan ma jistgħux jeżerċitaw dan il-jedd ħlief fiż-żmien li kien fadlilhom dawk li mingħandhom ġejjin il-jeddijiet tagħhom, bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi dawr il-ksur jew is-sospensjoni tal-preskrizzjoni."*

Inevitabbilment il-Qorti tagħmel referenza għal żewġ siltiet minn żewġ deċiżjonijiet ġia ċitati li jolqtu l-vertenza in tematika:-

*"Illi dwar il-kwistjoni tat-talba magħmula miż-żewġ attriċi fil-konfront tal-ereditä gjaċenti ta' Rocco Farrugia, huwa tajjeb jingħad li l-azzjoni tar-rexissjoni, meta ma tiġix promossa mid-decuius fil-hajja tiegħu, tittrasmetti ruħha lill* ***eredi tiegħu****, jekk ma jkunx għadda t-terminu tal-preskrizzjoni, u salv li l-istess preskrizzjoni ma tkunx ġiet jew interrotta {art. 1269 Rap. 23***).***

[21] Enfasi tal-Qorti.
[22] Ibid.

***Eredi huwa dak ii b'liġi' jew b'testment jissuċċedi fid-drittijiet kollha, attivi u passivi. tad-decujus. L-eredi huwa aventi kawża a titolu universali. il-għaliex jieħu il-post stess tal-persuna li huwa ikun eredita, mentri akkwirent, donatarju, legatariu, eċċ., huwa aventi kawza b'titolu singulari; il-ghaliex jirrappresenta l-awtur tieghu f'parti biss;"*[23] **(tips grassa enfazi tal-Qorti).**

*"Il-kuratriċi nomine imbagħad teċċepixxi li l-attur m"għandux locus standi jimpunja l-kuntratt de quo li huwa res inter alios acta għalih. F"din l-eċċezzjoni l-kuratriċi kien ikollha raġun li kieku fil-mori tal-kawża ma mietitx il-konvenuta Nazzarena Bugeja u l-attur ma kienx wieħed mill-eredi tagħha. Kif proprju qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Lawrence Attard vs George Attard tat-30 ta" Ġunju 2011:*

***"Però bil-mewt ta" George Attard, l-attur sar wieħed mill-eredi bid-dritt li jaġixxi fl-interess tiegħu proprio qua coproprjetarju tal-fond li nbiegh. Fil-fatt hekk jipprovdi espressament l-artikolu 428 tal-Kodici Civili Taljan. Dan id-dritt ma kienx applikabbli fi żmien li ġiet istitwita l-kawża però bil-prinċipju tal-ius superveniens, applikabbli f"dan il- każ, l-azzjoni attriċi hi salvabbli."*[24] *(ukoll enfasital-Qorti)***

Isegwi għalhekk illi l-attriċi *qua* legatarja u **eredi universali de residwo** ma tistax tipprevalixxi ruħha mill-prinċipju ta' *ius superveniens* u għalhekk ma tistax tidħol fiż-żarbun tal-mejjet missierha. Siccome' l-omm għadha ħajja allura r-residwalita' prevista' mal-mewt tagħha għadha mhux in operat.

---

[23] supra

[24] Ibid.

12 Il-Qorti lanqas ma tista’ taqbel mal-argument tal-attrċi mressqa fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha li din l-azzjoni tista’ tiġi prosegwita minnha nonostante li hija estraneja għad-donazzjoni kif jista’ jiġi attakkat kuntratt fl-azzjoni tal-*actio pauliana.* Fil-fatt l-azzjoni tentata mill-attriċi ssib l-fundament tagħha fil-kunsens **propju** tal-kontraenti, fil-kapaċita’ ta’ waħda mill-kontraenti, element ferm soġġettiv għalihom. Minn naħa l-oħra l-*actio pauliana* hija intiża propjru biex jiġi protett il-kreditur defrodat a prexxindere mill-kunsens tal-partijiet.[25]

13 Għalhekk ingħad fis-sentenza li tat din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-27 ta` Ottubru 2015 fil-kawza “**Dylan Azzopardi Vs Peter Zammit et**” ingħad illi :-

*“L`actio pauliana ha la funzione non solo di ricostituire la garanzia generica assicurata al creditore dal patrimonio del suo debitore, al fine di permettergli il soddisfacimento coattivo del suo credito (sicche` la relativa sentenza ha efficacia retroattiva, in quanto l`atto dispositivo e` viziato sin dall`origine: v. Cass., 23 settembre 2004, n. 19131), ma anche di assicurare uno stato di maggiore fruttuosita` e speditezza dell`azione esecutiva diretta a far valere la detta garanzia* (v. Cass., 9 marzo 2006, n. 5105)”.

*Fis-sentenza* ***M. Cutajar et vs R. Fleming et*** *tat-30 ta` Mejju 2014, il-Qorti tal-Appell qalet: “L-effett tal-azzjoni pawljana ma huwiex dak li jħassar għal kollox il-kuntratt għax l-effetti obbligatorji jibqgħu jorbtu lill-partijiet fuq il-kuntratt u jibqgħu jiswew ukoll quddiem terzi; il-kuntratt jitħassar biss*

[25] Għalkemm l-qerq tal-frodi jista’ jkun xprunnat minħabba kunsens difettuż.

*fl-interess tal-kreditur li jmexxi bl-azzjoni. Dan it-tħassir fl-interess tal-kreditur attur huwa meħtieġ sakemm il-ħaġa tingħata lura lill-patrimonju tad-debitur u hekk dan ikun jista` jwettaq l-obbligazzjoni tiegħu li jgħaddiha lill-kreditur, ladarba l-obbligazzjoni ma tkunx tista tiġi esegwita kontra t-terza persuna billi din ma tkunx debitrici tal-kreditur għal dik l-obbligazzjoni".*"

Minn dan it-tgħalim ġurisprudenżjali hija ċara kristallina d-differenza bejn l-azzjoni tentata mill-attriċi u dik li magħha tittenta li tagħmel paragun fejn jirrigwarda l-kunsens tal-kontraenti.

**Ferm il-premess il-Qorti ssib illi l-konvenut għandu raġun bis-sħiħ għal mod kif jilqa' għax-xilja u konsegwentement taqta' u tiddeċiedi billi**

1. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.**
2. **Tiċħad it-talbiet attriċi fit-totalita' tagħhom.**
3. **Bl-ispejjeż adebbitati lill-attriċi.**

**Onor Imħallef Miriam Hayman**

**Rita Falzon.**
**Dep.Reg.**